**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Gunju, 2019**

**Rikors nru: 30/18 AGV**

AB

Vs

CD, Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Dr Fransina Abela u l-PL Gerald Bonello li permezz ta'digriet datat 25 ta' April, 2018 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri EFD.

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors** tar-rikorrenti pprezentat fit-8 ta' Frar, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali skond l-inkartament anness Dok. CB.

2. Illi fil-21 ta' Settembru, 2002 l-attrici welldet il-minuri EFD (Dok.CB1) minn relazzjoni extra-maritali li hija kellha.

3. Illi l-attrici ilha de facto separata minn mal-konvenut CD minn Ottubru, 2005 filwaqt li sseparat minnu legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono datat 8 ta'Awissu, 2014 (Dok.CB2). Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni hemm indikat li l-minuri E mhux il-wild naturali tal-konvenut D.

4. Illi peress li l-istess minuri twieled matul iz-zwieg tal-attrici mal-konvenut CD dan gie registrat bhala l-wild naturali tal-istess konvenut CD minkejja li dan il-wild mhuwiex il-wild naturali tieghu izda ta' missier mhux maghruf.

5. Illi ghalhekk huwa mehtieg li jigi ddikjarat illi l-wild imsemmija mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut CD, izda ta' missier mhux maghruf.

6. Illi jehtieg ghalhekk li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

7. Illi ghalhekk kellu jigi intavolat dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qiedgha, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna illi:-

1.Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri EFD mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut Faycal Mahouachi izda ta’ missier mhux maghruf.

2. Tordna ghalhekk id-debita korrezzjoni fl-atti tat-twelid tal-imsemmi minuri b’dak it-taghrif li jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta** Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa s-segwenti:-

1.Illi preliminarjament, l-esponenti teccepixxi illi l-attrici ma ddikjaratx taht liema artikolu tal-ligi qed isejjes din il-kawza istanti. Ghaldaqstant, f’gieh l-integrita’ tal-gudizzju, ir-rikorrenti ghandha tiddikjara abbazi ta’ liema disposizzjoni tal- ligi qed tigi bbazata din l-azzjoni.

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponenti tecepixxi ukoll illi l-attrici m’ghandhiex l-interess guridiku rikjest mil-ligi sabiex tirnexxi din l-azzjoni u cioe’ illi fl-Att tat-Twelid tal-minuri zewg ir-rikorrenti jigi sostitwit bil-kliem “missier mhux maghruf.”

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tecepixxi illi din l-azzjoni hija intempestiva stante illi ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-attrici kellha tipprezenta din l-azzjoni fit-terminu ta’ sitt xhur mit-twelid tal-minuri EFD. Gialadarba t-terminu preskritt fil-ligi skada, l-esponenti tirrileva illi sabiex din l-azzjoni fi kwalunkwe kaz tkun tista’ tirnexxi, din kellha tkun preceduta b’rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex wara li din

l-istess Qorti tkun semghet il-partijiet interessanti kollha u qieset ukoll id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri, tghaddi sabiex taghti l-awtorizzazzjoni mehtiega ghall-procediment tal-azzjoni odjerna.

4. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk dwar il-mertu hija tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll soddisfacenti f'ghajnejn il-ligi.

5. Illi dan ifisser li huwa necessarju f'dan l-istadju illi sabiex tirnexxi din il-kawza istanti, irid ikun hemm il-prova illi fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri EFD kien hemm adulterju da parti tal-attrici u di piu' dan ghandu ukoll jigi ppruvat permezz ta' xi fatt iehor, *inter alia,* testijiet genetici li jeskludu lil CD, bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri EFD.

6. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-presunzjoni mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 16 billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri EFD ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu.

7.Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri EFD u dan a tenur tal-Artikolu 92 sub-inciz 6 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8.Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attrici, huwa importanti li l-kelmiet "the said" li jinsabu qabel isem CD, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat t-

taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-att tat-twelid in kwistjoni.

9.Illi finalment, l-esponenti dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghaldaqstant hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

10.Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qiedgha minn issa ngunta in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta** tal-kuraturi fejn eccepew:-

1. Illi huma, fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati, in linea preliminari, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni mehtiega, li permezz taghha l-esponenti gew mahtura bhala kuraturi deputati ad litem tal-minuri EFD skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 782 u 783 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi bla pregudizzju, l-esponenti jistqarru li huma mhumiex edotti mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huma jirrimettu ruhhom ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l'ambitu l-esponenti umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkoncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**FATTI**

1. L-attrici tispjega illi hi fethet proceduri ta' separazzjoni kontra zewgha l-konvenut fil-31 ta' Lulju, 2000. Minn dakinhar ma baqghux ighixu flimkien u r-relazzjoni ntemmet ghal kollox.

2. Xi sentejn u nofs wara li bdew is-separazzjoni l-attrici kellha wild minn persuna barranija u peress li kienet ghadha ma haditx is-separazzjoni legali, it-tarbija E gie registrat fuq isem il-konvenut bhallikieku huwa l-wild naturali tieghu.

3. L-attrici tikkonferma li meta kellha erba' xhur tqala l-avukat taghha kien baghat ittra biex taghraf lill-konvenut li xtaqet tirregistra t-tarbija fuq kunjomha ta' xebba B.

4. Is-separazzjoni sehhet fit-8 ta' Awissu, 2014 u fl-istess kuntratt gie ddikjarat li l-minuri E ma kienx il-wild tal-konvenut.

5. Minhabba c-cirkostanzi, l-attrici tghid li bilfors ikollha titlob il-firma tal-konvenut kull darba li jkollha taghmel passaport jew ghall-isptar. Tghid li anke l-minuri jiddejjaq b'dawn ic-cirkostanzi u gieli jkun "depressed" u mdejjaq.

**IKKUNSIDRAT**.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Dwar il-pussess tal-Istat ta' Wild Legittimu l-**Artikoli 80 u 81 tal-Kap 16** jipprovdu kif gej:-

**Artikolu 80**:

(1) Il-pussess tal-istat ta' iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.

(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:

(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li hu l-iben;

(b) illi l-missier ikun ittrattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita', haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;

(c) illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;

(d) illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja.

L-**Artikolu 81 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

(1) Hadd ma jista jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben mnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.

(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu.

Fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, "*l'azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e' inammissibile"* (**Vol.XXIX P1 p 427**). Il-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili hi li "*l-iben mnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu*". Jinsab pacifikament stabbilit illi *"din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma ukoll mill-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att".* (**Vol. XXXVII P II p 768**).

Dan ifisser li meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kap 16, cioe' l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, f'dak il-kaz, l-paternita' legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi kif jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili. Il-provi jistghu jkunu ukoll testijiet genetici u xjentifici li jeskludu dik il-paternita', kif ukoll li kien hemm l-impossibilita' fizika li ghammru flimkien hi u r-ragel bejn it-300 u l-180 jum qabel it-twelid tal-minuri.

L-attrici kkonfermat li hija fethet din il-kawza ai termini tal-Artiklu 77 tal-Kap.16 u qed titlob li jinbidel ic-certifikat tat-twelid tal-minuri EFD ghal "missier mhux maghruf."

L-Artiklu 77B jikkontempla hekk:-

> ***"It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni li persuna huwa genitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' ukoll tigi ezercitata mill-genitur li wiled permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-konjugi l-iehor, il-genitur naturali u l-wild imwieled fiz-zwieg jekk kemm il-darba tali genitur li wiled jipprova li fiz-zmien***

***bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-wild tali genitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-genitur ikun qieghed jitlob li jigi ddikjarat bhala genitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista' ukoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-genitur naturali tal-wild."***

Izda dan l-Artikolu pero' ghandu japplika biss jekk ma jinholoqx pregudizzju ai termini tal-Artikolu 81 li jiehu precedenza fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 77.

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa illi l-attrici m'ghandhiex interess guridiku biex ic-certifikat ta' twelid tal-minuri jigi mibdul minn isem il-konvenut ghal "missier mhux maghruf."

Huwa minnu li l-artiklu 77 B jirreferi ghad-dritt tal-genitur li wiled biex jaghmel talba ghall-dikjarazzjoni ta' paternita' u li din ghandha tigi ezercitata kontra l-missier naturali, il-minuri u l-konjugi l-iehor, izda effettivament dak li qed titlob l-attrici hija li l-minuri ma jibqax jidher bhala wild il-konvenut CD fuq ic-certifikat tat-twelid u jinbidel ghal "missier mhux maghruf."

Jirrizulta pero' li l-attrici ma fethitx il-kawza kontra l-missier naturali tal-minuri ukoll, izda semmi biss li l-minuri twieled minn relazzjoni ma' ragel barrani. Qed tittenta li lanqas tirrikonoxxih bhala missier il-minuri gialadarba qed titlob li fic-certifikat jitnizzel li huwa wild illegittimu u cioe ta' "missier mhux maghruf."

Fuq din il-bazi biss l-azzjoni attrici ma treggix. Madanakollu, l-Artikolu 77 huwa ssoggettat ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 81. L-artikolu 81 jikkreja presunzjoni assoluta biss fejn l-istat tal-minuri jaqbel mal-att tat-twelid. B'dak li qed titlob l-attrici u jekk dina l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' t-talba, l-minuri EFD ikun qed

ibiddel l-istat tieghu minn wiehed ta’ wild legittimu ghall-wild illegittimu u ghalhekk il-presunzjoni ma tibqax assoluta.

Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, “**mater semper certa est”.** Il-ligi nostrana ma tikkonsidrax b’mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta’ persuni mwielda fiz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet “**Anthony Grima vs Josianne Grima et**”, kawza ta’ denegata paternita’, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta’ April 2012 intqal:-

> *“L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta’ wlied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha illum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-artikolu 81(2) (Kap.16), u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta’ min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att tat-twelid tieghu”.*

Indubbjament, pero’ l-attrici accennat ghad-diffikultajiet li qed ikollha teghleb mal-konvenut f’kaz ta’ sptar, passaport jew affarijiet importanti li jikkoncernaw lill-minuri. Gie ppruvat ukoll li l-minuri gieli jkun depressed u mdejjaq hafna minhabba din is-sitwazzjoni u dan meta huwa tifel intelligenti.

L-Artiklu 149 tal-kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta jikkontempla hekk:-

> ***“B’dak kollu li jinsab f’kull disposizzjoni ohra ta’ dina l-Kodici, il-qorti tista’, jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjeta’ tal-persuna li tkun taht l-eta’ kif jidhrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.”***

Il-Qorti mhix konvinta li t-tibdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri hekk kif mitlub minn ommu huwa fl-interess suprem tal-istess minuri. Fil-fehma tal-Qorti, jekk l-attrici qed tirriskontra diffikultajiet minhabba fl-inadempjenza tal-konvenut Mahouachi, kellha tintavola azzjoni differenti minn din in ezami. Bl-azzjoni odjerna, l-attrici trid taqta' l-isem tal-konvenut minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri, u minflok thallih vojt. Dan jaf ikun aktar ta' hsara ghall-minuri milli ta' gid, aktar u aktar jekk il-minuri, li llum ghandu sittax-il sena, ilu hekk maghruf bil-kunjom tal-konvenut.

Ghalhekk il-Qorti qed taqbel mal-eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u sejra tiddikjara li l-attrici m'ghandhiex interess guridiku tressaq azzjoni bhal din.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku;
Tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**Onor Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**

## Deputat Registratur